**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Rodelita Vella**

**Vs**

**Carmel Sive Charles Calleja**

**CCT 163/25/MM**

**Illum, 28 ta' April 2026**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-12 ta' Settembru 2025 fejn talbet is-somma ta' sitt mitt ewro (€600) rappreżentanti l-ispiża li nefqet biex tagħmel membrane tal-qatran fuq il-bejt tal-propjeta' tagħha.

Illi l-intimat intavola r-risposta tiegħu nhar it-13 ta' Ottubru 2025 fejn laqgħa għat-talbiet attriċi billi qal li x-xogħol għamlu tajjeb u skont is-sengħa u l-arti.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

**Ikkunsidra**

It-Tribunal eżamina l-atti kollha tal-kawża u l-provi mressqa mir-rikorrent.

Illi l-preżenti kawża tikkonċerna talba mressqa mir-rikorrent kontra l-intimat, għall-ħlas tas-somma ta' sitt mitt ewro (€600) rappreżentanti l-ispiża li nefqet biex tagħmel membrane tal-

qatran fuq il-bejt tal-propjeta' tagħha li rriżulta li ma kinex sar skont is-sengħa u l-arti u li kien milqut minn diversi difetti tant li bdiet tinqala' ż-żebgħa u beda jintefaħ.

Illi mill-provi jirriżulta wkoll li saru tentattivi sabiex il-kwistjoni tissolva bonarjament. Wara diskussjonijiet bejn il-partijiet, l-intimat offra s-somma ta' mitejn ewro (€200) liema offerta ma ġietx aċċettata mill-attriċi.

Illi r-rikorrenti sostna l-pretensjonijiet tiegħu permezz ta' diversi dokumenti, inklużi provi tal-pagamenti, ritratti li juru l-istat tax-xogħol, kif ukoll korrispondenza bejn il-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe' dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"* waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-*

*provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

Illi t-Tribunal, wara li eżamina bir-reqqa l-provi kollha mressqa u evalwa s-sottomissjoni tal-attur, iqis li l-kwistjoni ċentrali li trid tiġi deċiża hija jekk is-soċjetà intimata wettqitx ix-xogħol inkarigat b'mod konformi mal-obbligi kuntrattwali tagħha u, jekk le, jekk ir-rikorrent hux intitolat għal rimedju. Illi huwa prinċipju stabbilit fid-dritt ċivili Malti li parti li tidħol f'obbligu kuntrattwali għandha twettaq dan l-obbligu b'diliġenza, ħila u kompetenza xierqa, skont in-natura tas-servizz mogħti. Fil-każ odjern, jirriżulta li r-rikorrent ingaġġa lill-intimat sabiex twettaq xogħol speċifiku ta' membrane tal-qatran, liema xogħol minnu nnifsu jimplika aspett tekniku u professjonali li jeħtieġ livell adegwat ta' perizja u eżekuzzjoni korretta.

Illi mill-provi mressqa, partikolarment mill-evidenza fotografika u mid-dikjarazzjonijiet tar-rikorrent, jirriżulta b'mod sufficjenti li x-xogħol ma sarx skont l-istandards mistennija. Dawn iċ-ċirkostanzi, meħuda flimkien, iwasslu għall-konklużjoni li s-servizz ipprovdut kien difettuż u ma laħaqx il-livell minimu ta' diliġenza u professjonalità li wieħed għandu jistenna minn operatur f'dan il-qasam.

Għaldaqstant, it-Tribunal huwa sodisfatt li r-rikorrent laħaq il-livell ta' prova meħtieġ sabiex juri li l-intimat naqas milli jwettaq l-obbligi kuntrattwali tiegħu b'mod xieraq u li dan in-nuqqas wassal għal dannu. Min-naħa l-oħra, l-intimat ma ppreżentax prova konvinċenti li tikkontesta dawn l-allegazzjonijiet jew li tiġġustifika l-mod kif sar ix-xogħol.

Illi t-Tribunal jemmen il-verżjoni tal-attur fejn jispjega fid-dettal kull stadju tal-esperjenza tiegħu. Minn naħa l-oħra l-konvenut ma ressaq l-ebda prova li tikkontradixxi dak li xehed l-attur.

Illi għalhekk dan kollu magħdud ifisser fiċ-ċirkostanzi, il-verżjoni tar-rikorrent hija iktar verosimili jew plawsibbli u għalhekk l-attur irnexxilu jissodisfa l-oneru tal prova illi fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet mill-preponderanza tal-provi huwa tassew minnu li s-soċjeta' konvenuta naqqset li tesegwixxi x-xogħolijiet skont is-sengħa u l-arti għas-servizz prestat minnu.

Illi għalhekk it-Tribunal ser jagħddi biex jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna rimbors fis-somma ta' sitt mitt ewro (€600) rappreżentanti l-valur imħallas għall-membrane tal-qatran li sar ħażin.

**Deċiżjoni**

Għal motivi senjalati dan it-Tribunal qed tilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal jordna lill-konvenut jirrifondi lill-attur is-somma ta' sitt mitt ewro (€600) fi żmien ġimgħatejn mill-llum.

L-ispejjeż ta' din is-sentenza a karigu tal-intimat.

**Avv. Dr Martha Mifsud**

**Arbitru**